

**Motivi invokati:** Ksur tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell applika b'mod żbaljat il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni għall-fatti ta' din il-kawża; u sussidjarjan, ksur tal-Artikoli 7(1)(b) u 7(1)(c) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell żbalja fil-konklużjoni tiegħu li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ma għandhiex biżżejjed karatru distintiv inerenti

**Motivi invokati:** Ksur tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell applika b'mod żbaljat il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għal fatti ta' din il-kawża; u sussidjarjan, ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell żbalja fil-konklużjoni tiegħu li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ma għandhiex karatru suffiċċjentement distintiv inerenti.

### Rikors ippreżentat fil-25 ta' Ġunju 2010 — Milux vs UASI (CHEMOCONTROL)

(Kawża T-285/10)

(2010/C 234/87)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Milux Holding S.A. (Lussemburgu, il-Lusseumburgo) (rappreżentant: J. Bojs, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

#### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tad-29 ta' April 2010 fil-Każ R 1444/2009-4;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* It-trade mark verbali "CHEMOCONTROL" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 10 u 44

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Appell miċħud

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Ġunju 2010 — Unilever España and Unilever vs UASI — Med Trans G. Poulias-S. Brakatselos (MED FRIGO S.A.)**

(Kawża T-287/10)

(2010/C 234/88)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Unilever España S.A. u Unilever N.V. (Barcellona, Spanja) (rappreżentant: C. Prat, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* "Med Trans" G. Poulias-S. Brakatselos A.E. (Patra, il-Greċja)

#### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-20 ta' April 2010 fil-Każ R 1025/2009-2;

- tordna lid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) ikompli jeżamina l-provi u jevalwa l-applikabbiltà tal-Artikoli 8(1)(b), 8(4) u 8(5) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja;